MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 557/1997/1

**Bank of Valletta Limited u bil-korrezzjoni ordnata fil-21 ta' Apri 1998 l-isem tal-bank attur gie jaqra Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Sales Distribution Organisation Limited u Louis u Sylvana mizzewgin Naudi**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:-

Illi l-bank attuir ikkonceda "Loan u Overdraft Facilities" lis-socjeta' konvenuta Sales Distribution Marketing Organisation Limited bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti ppublikati min-Nutar Joseph Brincat datati 27 ta' Frar 1987 (Dok "A" u Dok "B");

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta’ kummercjali Sales Distribution Marketing Organisation Limited fis-somma ta’ hmistax-il elf, erba’ mija u hamsa u hamsin liri maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm15455.68) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” ta’ Sales Distribution Marketing Organisation Limited mal-Bank of Valletta (Dok “C1 sa’ C9” u Dok “D1 sa’ D14”) salv l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bi skrittura privata datata 5 ta’ Mejju 1992, (“Dok E”), il-konvenut Louis u Sylvana Naudi iggarantew flimkien u “in solidum” sal-valur ta’ tnax-il elf, u hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm12,025) mas-socjeta’ kummercjali Sales Distribution Marketing Organisation Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta id-debiti tal-istess socjeta’ kummercjali Sales Distribution Marketing Organisation Limited mal-Bank of Valletta;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 26 ta ‘ Lulju 1995 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “F” u Dok “G”, sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk il-bank attur qed jitlob li s-socjeta’ kummercjali konvenuta Sales Distribution Marketing Organisation Limited u l-konvenuti Louis u Sylvana mizzewgin Naudi jigu kkundannat jhallsu flimkien u “in solidum” bejnithom lill-bank attur is-somma ta’ hmistax il-elf erbgha mija hmsa u hamsin liri maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm15,455.68) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” tal-imsemmija socjeta’ konvenuta Sales Distribution Marketing Organisation Limited mal-istess bank attur (Dok “C1 sa’ C9” u Dok “D1 sa’ D14”) salv l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 26 ta’ Lulju 1995 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra il-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici Bank of Valletta debtament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhha.

Rat li bid-diktriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-21 ta’ April 1998 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju tal-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Sales Distribution Organisation Ltd u Louis u Silvana Naudi fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet Attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub huwa inkorrett, zbaljat u eccessiv u ghalhekk it-talbiet Attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra is-socjeta Attrici;

2. Illi r-rata tal-imghaxijiet hija kkalkulata hazin u l-ammont inkorporat ma jirriflettix dak li hu dovut;

3. Illi l-ammont tal-‘Bank Charges’ huma skorretti u eccessivi u ma jistghux jigu accettati skond il-ligi;

4. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont garantit mil-konvenuti Louis u Silvana Naudi huma sal-valur ta’ tnax il-elf liri Maltin biss kif jidher anke mil-premessi u dikjarazzjoni tas-socjeta’ Attrici u ghalhekk fil-konfront taghhom ma jistghux jigu kkundanati jhallsu ammont oghla minn dak garantit minnhom;

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju nominat biex jigbor il-provi.

Rat id-dikriet taghha (diversament presjeduta) tas-6 ta’ Mejju 1999 li permezz tieghu gie nominat bhala perit komputista John Bonnici biex jiehu konjizzjoni tal-provi kollha u jirrelata dwar it-talbiet tal-bank attur.

Rat li bid-dikriet tal-24 ta’ Lulju 2001 il-perit komputista gie sostitwit u gie nominat minnflok Martin H. Said bl-istess fakoltajiet.

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit komputista presentat u kkonfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-20 ta’ Novembru 2003, kif ukoll il-minuti tas-seduti mizmuma mill-istess perit komputista.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Frar 2004.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet varji**

Il-konvenuti mhux qed jikkontestawx li huma debituri tal-Bank attur u jikkontestaw biss il-quantum. Ghalhekk il-konvenuti qed jissottomettu li ma jaqblux mal-ammont mitlub għaliex skond huma hu inkorrett, zbaljat u eccessiv. Skond il-konvenuti anke r-rata tal-imghaxijiet u l-“bank charges” gew komputati skorrettement mill-Bank attur. Minn ezami tal-process jirrizulta li l-konvenuti kkonkludew kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu favur il-Bank attur (kuntratt datat 27 ta’ Frar 1987, in atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat a fol.5 tal-process), kif ukoll kuntratt ieħor bl-istess data (fol.9).

Jirrizulta li l-konvenuti in solidum bejnithom huma debituri tal-bank attur. Inoltre sabiex jigi stabbilit il-quantum tad-debitu trid issir referenza ghar-rapport tal-perit komputista (fol.106) li gie nominat mill-Qorti, li ser tadotta l-istess rapport inkuzi l-konkluzjonijiet kollha li wasal ghalihom l-istess espert. Dan ir-rapport ma giex ikkontestat la minn parti u lanqas minn l-ohra. Il-perit komputista ikkonkluda li l-ammont li hu dovut mill-konvenuti lill-Bank attur hu dak ta’ Lm26766.94 (sitta u ghoxrin elf seba mija u sitta u sittin liri maltin u erba u disghin centezmu).

Inoltre l-garanti, l-konvenuti Louis u Silvana Naudi, qed jeċepixxu li l-ammont garantit minnhom hu limitat sal-valur

ta’ tnax il-elf liri maltin. Mid-dokument E (fol.37) jirrizulta li l-konvenuti f’isimhom propju, Louis u Sylvana Naudi, iggarantew b’mod solidali mas-socjeta’ konvenuta Sales Distribution and Marketing Organization Co Ltd il-hlas lura tal-ammonti dovuti lill-bank attur mis-socjeta’ konvenuta, dan pero’ sal-ammont ta’ tnax-il elf lira Maltin u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm12000.25). Ghalhekk jirrizultaw sufficjentement it-talbiet tal-bank attur fil-konfront tal-konvenuti propio pero biss sa’ l-imsemmi ammont. Ghalkhemm il-konvenuti propio obbligaw ruhhom in solidum mas-socjeta konvenuta fir-rigward tad-debitu dovut lill-bank attur mis-socjeta’ konvenuta, pero’ dan biss sa l-ammont tal-imsemmija garanzija.

Ghalhekk it-talbiet tal-bank attur jimmeritaw li jigu akkolti stante li gew ippruvati sufficjentement (dokumenti A sa E annessi mar-rikors guramentat).

Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tilqa t-talbiet tal-bank attur u dan kwantu ghall-ammont li wasal ghalih il-perit komputista u cioe’ Lm26766.94 (sitta u ghoxrin elf seba mija u sitta u sittin liri maltin u erba u disghin centezmu) oltre l-imghaxxijiet ulterjuri u dan fil-konfront tal-konvenuti kollha pero’ ghal dak li jirrigwarda il-konvenuti konjugi Naudi propio r-responsabilita’ taghhom tal-hlas hi limitata sal-ammont ta’ Lm12000 (tnax il-elf liri maltin).

Ghal dawn il-motivi kollha.

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tal-bank attur u tikkundanna lis-socjeta konvenuta bhala d-debitur principali thallas lill-bank attur is-somma ta’ sitta u ghoxrin elf seba mija u sitta u sittin liri maltin u erba u disghin centezmu (Lm26766.94) ekwivalenti ghal euro tnejn u sittin elf tlett mija u seba u sittin (€62,367) oltre l-imghaxxijiet ulterjuri mill-1 ta’ Novembru 1996 sal-jum tal-pagament effettiv u tiddikjara l-konvenuti konjugi Naudi, bhala garanti, responsabbli in solidum mas-socjeta konvenuta ghal hlas tad-dejn in kwestjoni pero’ biss sal-ewwel tnax il-elf liri maltin ekwivalenti ghal euro sebgha u ghoxrin elf disgha mija u sittin (€27,960) u ghalhekk tikkundanna lill-istess konvenuti konjugi Naudi, ihallsu lis-socjeta’ attrici s-

somma ta' sebgha u ghoxrin elf, disa' mija u sitting Ewro (€27,960.00), flimkien mal-imghaxijiet legali mill-1 ta' Novembru 1996 sal-jum tal-pagament effettiv.[1]

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenuti kollha in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Korrezzjonijiet awtorizzati bid-digriet tal-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2014